# RAPPORT AMMINISTRATTIV

## SENA TA' ĦIDMA

## 1 TA' JANNAR 2012 – 31 TA' DIĊEMBRU 2012

### *Introduzzjoni*

Dan ir-Rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul il-perjodu li beda nhar l-Ewwel ta' Jannar u spiċċa fil–31 ta' Diċembru tas-sena 2012.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill u r-responsabiltajiet tal-membri kienu kif jidhru hawn taħt :

| | |
|---|---|
| Is-Sindku Mario Calleja: | Finanzi, Infrastruttura, Proġetti Kapitali, Ordni Pubbliku, *Self Employed,* Relazzjonijiet mal-Għaqdiet u Soċjetajiet Lokali, Attivitajiet Soċjali u Affarijiet Rurali. |
| Il-Viċi Sindku Charlot Mifsud: | Saħħa, Anzjani, Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u Ħarsien tal-Annimali. |
| Il-Kunsilliera Carmen Fearne: | Familja, Edukazzjoni u Kultura |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar : | Ambjent, Ġonna Pubbliċi u *Playing fields.* |
| Il-Kunsillier George Farrugia : | Relazzjonijiet Pubbliċi, Rivista u Turiżmu. |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri : | Żgħażagħ, Sports u Faċilitajiet Sportivi. |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri: | Enerġija, Wirt Storiku u Faċilitajiet Sanitarji. |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt: | Affarijiet Marittimi u Ġemellaġġi. |
| Il-Kunsillier Jesmond Mugliett : | Indafa Pubblika, Trasport Pubbliku, IT, u Aġġornament tas-Sit Elettroniku. |

Kif wieħed qiegħed jista' jinnota, din is-sena, ir-Rapport Amministrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' tnax–il xahar, mill-ewwel tas-sena sa l-aħħar tas-sena li tkun għadha kemm għaddiet.

Dawn l-aħħar 12-il xahar tas-sena 2012 kienu bla dubju bla waqfien li matulhom il-Kunsill iltaqa` erbatax-il darba sabiex jiddiskuti erbatax-il aġenda differenti.

Nhar il-11 ta' Mejju 2012 saret l-aħħar laqgħa pubblika li matulha nqara r-Rapport Amministrattiv ta' bejn Jannar u Diċembru 2011 u wara saret diskussjoni mir-residenti preżenti.

L-attendenza tal-Kunsilliera għall-laqgħat tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta' Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużati | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Mario Calleja | 14 | 14 | / | / | 14/14 |
| Il-Viċi Sindku Charlot Mifsud | 14 | 13 | / | 1 | 13/14 |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri | 14 | 11 | / | 3 | 11/14 |
| Il-Kunsilliera Carmen Fearne | 14 | 10 | / | 4 | 10/14 |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar | 14 | 13 | / | 1 | 13/14 |
| Il-Kunsillier George Farrugia | 14 | 14 | / | / | 14/14 |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri | 14 | 13 | / | 1 | 13/14 |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt | 14 | 8 | / | 6 | 8/14 |
| Il-Kunsillier Jesmond Mugliett | 14 | 11 | / | 3 | 11/14 |

Matul dan il-perjodu kienu approvati sebgħa u sittin (67) mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill Lokali kellu allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali li tammonta għal €707,534.

## Responsabilità tas-Sindku, Mario Calleja

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd u għal darb`oħra, u dan dejjem kif titlob il-liġi, il-Kunsill qiegħed jiltaqa` mar-residenti ta'dan il-lokal biex nagħtu rendikont tal-ħidma tagħna f`dawn l-aħħar 12-il xahar.

Din id-darba wkoll hija l-aħħar laqgħa pubblika fi ħdan din il-leġiżlatura għax kif tafu fid-9 ta` Marzu li ġej intom eletturi Skalin, apparti li ser tivvutaw għall-Elezzjoni Ġenerali ser tivvutaw ukoll għal dik tal-Kunsill Lokali. Ngħidu grazzi lil dawk il-kunsilliera li servew f`din il-leġiżlatura u li din id-darba li ġejja għażlu li ma jikkontestawx. F`isimkom ngħidilhom grazzi mill-qalb.

Ma nistax ma nibdix b`ringrazzjament minn qalbi lit-tim kollu tal-kunsilliera flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Josef Grech, l-iskrivani : Claudine, Rebecca, Lucille, Sharon, Claire, Chantel u Mary Rose kif ukoll lill-ħaddiema mislufa lilna mill-IPSL : Aldo, Lino u Joe. Li kieku ma ħdimniex id f'id żgur li ma wasalniex s`hawn.

Tul din il-leġiżlatura konna l-għira ta' ħafna kunsilli u dan kollu seħħ bl-għaqal tagħna. Konna tim tajjeb lil hinn mill-ideat politiċi, iżda b`għan u skop wieħed, dak tal-ġid tal-komunità tagħna f` Marsaskala.

Min-naħa tiegħi nista' ngħid li mexxejt dan il-Kunsill bl-aktar mod għaqli u b`lealtà assoluta lejn sħabi kollha, u lejn l-Iskalin. Kont dejjem hawn għas-servizz ta' kulħadd. Kienu min kienu r-residenti. Nista` ngħid li kellimt għexieren ta` nies kuljum, min għal ħaġa, u min għal oħra. X`sodisfazzjon meta persuna tiġi għandek għas servizz u toħroġ sodisfatta.

Għalhekk qiegħed nelenka lista tax-xogħol kollu li sar f`dawn l-aħħar 12-il xahar.

Ħriġna diversi *tenders*, u kwotazzjonijiet għal din is-sena. Ħriġna it-*tenders* għal manutenzjoni u t-tindif tal-latrini, xogħlijiet fuq l-ERDF 212, ġbir ta' skart goff, manutenzjoni tas-sinjali tat-toroq u tabelli, fuljett ġdid tal-Kunsill kif ukoll manutenzjoni u t-tindif tal-ġonna pubbliċi.

Ħriġna l-kwotazzjonijiet dwar il-moniteraġġ tal-kwalità tal-arja, pubblikazzjoni ta' ktieb fuq Marsaskala, biljetti tal-ajru għal-Laqgħa Ġenerali Annwali, pubblikazzjoni ta' mappa dwar ir-rotot storiċi bħala parti mill-proġett tal-ERDF 212, Sistema ta' *Software* ġdid għall-uffiċċju tal-Kunsill, ħriġna ktieb ieħor fuq Marsaskala, dwal għal Jum Marsaskala u Ljieli SKalin, tindif ta' spralli, kif ukoll xiri u stallazzjoni ta' bollards.

Proġett ieħor li sar din is-sena kienet ikla interkulturali b'kollaborazzjoni mal-EUPA. Diversi żgħażagħ Maltin irrappreżentawna ġewwa l-Greċja.

Irbaħna bosta skemi li applikajna għalihom għal din is-sena: Skema dwar restawr tan-niċeċ ta' San Tumas, Sant'Anna u San Spiridjun fejn b'kollox ħadna s-somma ta' €12,000; Fi skema oħra dwar inizjattivi ta' attivitajiet irbaħna s-somma ta' €3000; Irbaħna wkoll skema għal għajnuna lill-kunsilli lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' librerji lokali fejn ingħatajna s-somma ta' €318; u Kien hemm skema oħra kienet dwar aċċessibilità aħjar fil-lokalitajiet fejn ħadna s-somma ta' €8200.

Saru diversi laqgħat ma' dipartimenti fejn fosthom sar ħafna xogħol u kellna diversi laqgħat ma' *Transport Malta* wara t-tibdil *fir-rotot* kif ukoll *il-problemi bil-bendybuses.* Ġiet approvata *mozzjoni* biex membru tal-pubbliku jkun jifforma parti mill-bord ta' evalwazzjoni, u din diġà qed tiġi implimentata. Ġiet approvata mozzjoni oħra għal *live streaming* tas-seduti tal-Kunsill liema aċċess isir mis-sit elettroniku tal-Kunsill u qed tiġi implimentata diġà. Kompla l-proċess ta' applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-Batterija Ducleseaux li tinsab fil-Bajja ta' San Tumas fejn il-Kunsill Lokali qed japplika flimkien mal-Għaqda Bajja San Tumas. Installajna pannelli fotovoltajċi fuq il-latrini taż-Żonqor li ntrebħu permezz ta' skema mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill approva li jsir xogħol fi Triq il-Bidni. Il-Kunsill approva wkoll li jitwaħħlu erba` *bicycle racks*. Il-Kunsill ħareġ pubblikazzjoni ta' ktieb li tqassam mal-lokalita` kollha li fih tagħrif dwar Marsaskala miktub mis-Sinjura Elizabeth Cassar. Inħareġ ukoll ktieb ieħor li sar b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Qala Għawdex, u tqassam lit-tfal tal-ħames u s-sitt sena tal-iskola primarja. Dan ġie inawgurat waqt attività li saret fl-Iskola Primarja ta' Marsaskala. Dan il-ktieb jismu *Iva jien minn Marsaskala*. F'Mejju saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali ġewwa Zvolen b'rabta mad-Douzelage. Ġew deċiżi żewġ appelli favur il-Kunsill Lokali rigward Pjazza Mifsud Bonnici. Il-Kunsill, bħas-snin ta' qabel, organizza korsijiet tal-kompjuter kemm fix-Xitwa kif ukoll fis-Sajf għat-tfal ta' bejn l-erba' u l-għaxar snin. Sar xogħol estensiv ta' *patching* fi Triq il-Qaliet. Inbeda l-proċess ta' sistema kompjuterizzata għall-permessi u riċevuti fil-*Customer Care*. Sar r-restawr tan-niċeċ ta' Sant'Anna, u ta' San Tumas. Twaħħlu madwar 40 bank ġdid tul il-promenad grazzi għal kuntratt li jeżisti bejn il-Kunsill Lokali u Green MT.

**<u>Finanzi:</u>**

Diġà spjegajt iżjed 'il fuq dwar l-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena li għaddiet. Nistqarr li fil-finanzi kull ma ninvolvi ruħi huwa li nindaga mas-Segretarju Eżekuttiv eżatt il-bilanċ tal-kontijiet bankarji tagħna biex b`hekk flimkien inkunu nistgħu nipproġettaw proġetti futuri. Il-Finanzi tagħna dejjem kienu stabbli, u l-flus li huma tagħkom u mhux tal-Kunsill dejjem intefqu bl-aktar mod għaqli biex b`hekk iċ-ċittadini tagħna setgħu jgħixu diċenti u aħjar.

**<u>Infrastruttura:</u>**

Il-Kunsill ħadem bl-qatigħ biex isiru ħafna xogħlijiet madwar il-lokal, fejn nefaq madwar €113,692,99 *f'patching* fejn fosthom kien hemm Triq il-Qaliet. Għamilna diversi bankini madwar il-lokal fejn infaqna s-somma ta' €64,523.91.

Il-Kunsill bl-għajnuna sħiħa tas-Segretarju Eżekuttiv rebaħ proġett tal-Unjoni Ewropeja ERDF 212 fejn irranġajna l-promenad f'San Tumas fejn sar poġġaman ġdid u tisbiħ taż-żona mad-dawra tat-Torri San Tumas. Parti mill-proġett kien ukoll li noħorġu pubblikazzjoni ta' mappa dwar ir-rotot storiċi kif ukoll li jkollna sit elettroniku ġdid għall-Kunsill.

Sar ukoll il-proġett ta' tisbiħ fi Pjazza Mifsud Bonnici, li dan il-proġett ġie jiswa €230,285.26.

**Ordni Pubblika;**

Jiena nista' ngħid li dejjem kont f`kuntatt ma' numru ta' spetturi min-naħa tal-Korp tal-Pulizija. Nista` ngħid li hemm kooperazzjoni sħiħa u dejjem kienu magħna kull meta kellna bżonnhom.

Nassigurakom li taħditiet mal-Kummissarju tal-Pulizija ma naqsux biex xi darba tinstab soluzzjoni u *titranġa l-għassa tal-Pulizija.*

**Self Employed:**

Kif dejjem spjegajt, is-*self-employed* tagħna huma pjuttost is-sidien tar-ristoranti u barijiet tagħna. Jiena min-naħa tiegħi dejjem imxejt spalla ma` spalla magħhom biex minkejja li fil-preżent is-settur turistiku hawn isfel ma tantx huwa daqshekk pożittiv nippruvaw ngħinu kemm nistgħu. Dan wieħed jagħmlu billi jipprova permezz tas-Sottokumitat tal-Kultura jorganizza matul is-sena xi attivitajiet fejn wieħed jipprova jiġbed nies aktar 'l hawn isfel u ddur ftit aħjar l-ekonomija. L-Assoċjazzjoni tal-Ħwienet donnu li m'għadhiex teżisti hawn isfel u b'hekk ċertu kuntatti jsiru *'on one to one basis'*. Wieħed dejjem jara u jiddiskuti l-bżonnijiet. Irridu pubblikament nirringrazzjahom tal-kooperazzjoni li tawna speċjalment waqt ix-xogħol fuq il-proġett tal-bandli

**Attivitajiet Socjali:**

Grazzi għas-Sottokumitat Kulturali mmexxi mis-Sur Alfred Debono, nista' ngħid li l-attivitajiet ma jieqfux. Tispiċċa waħda u tibda l-oħra. Ħafna drabi ċertu nies ma jirrealizzawx kemm wieħed irid ħsieb, xogħol u fuq kollox finanzi. Tajjeb nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja 'l dawk kollha li anke jgħinu finanzjarjament permezz ta` donazzjonijiet diversi. Sena mimlija tista` tgħid b`attivitajiet differenti. Is-sena li għaddiet kellna diversi attivitjaiet fejn fosthom saru ikla b'xejn għall-anzjani. Grazzi għall-familja Clews li dejjem kien warajna b`materjal tal-mibki missierhom Charles li stajna anke nerġgħu ntellgħu tifkira għall-memorja tiegħu. Sar bħal kull sena spettaklu fi żmien il-Karnival. Saret esebizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll saret il-*pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira. Din is-sena sar ukoll il-ftuħ tal-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici. Bħal kull sena sar Arti fil-Beraħ fejn jinġabru diversi residenti għal dan l-avveniment. Sar kunċert vokali u strumentali. Kellna Jum Marsaskala u Ljieli Skalin. Ġie ukoll ikkoordinat biex studenti mill-iskola tal-Ballet jieħdu sehem fi żfin folkloristiku fil-Qala International Folklore Festival. Erba` gruppi barranin u ieħor mill-Qala ġew jagħtu wirja ta' żfin u kant folklorisitku fis-Sala Sant'Anna. F'Diċembru saret kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata. Sar kunċert fi żmien il-Milied u organizzajna wkoll *party* għat-tfal fi żmien il-Milied.

**Vici Presidenza Douzelage**

Hawn ix-xogħol ma waqafx u nistgħu b'wiċċna minn quddiem ngħidu l-ġid li ħiereġ minn din il-Viċi Presidenza.

F'Mejju morna bħas-soltu għal-Laqgħa Ġenerali li din id-darba saret fis-Slovakkja. Kienet laqgħa ta' suċċess.

Gruppi ta' żgħażagħ marru ingħaqdu ma' żgħażagħ oħra ta' diversi muniċipalitajiet differenti fl-Ewropa fosthom fil-Bulgarija, fl-Italja, fit-Turkija, fil-Greċja u fil-Polonja.

Gruppi ta' Pollakki ġew Malta fuq proġett tal-Comenius Regio.

Grupp ta' kokijiet Pollakki ġew jaħdmu għal xahar sħiħ bla ħlas fir-ristoranti tagħna fuq proġett ta' Leonardo Da Vinci.

## *Responsabilità tal-Viċi Sindku Charlot Mifsud*

Erġajna wasalna għal-laqgħa pubblika oħra u bħas-soltu aħna nagħtu rendikont ta' dak kollu li jkun sar fid-dekasteru li jkun fdat f'idejna. Jiena kont inkarigat mill-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll mill-ħarsien tal-annimali.

Rigward dak li għandu x'jaqsam mal-anzjani jien dejjem inżomm f'moħħi, anke bħala anzjan jiena stess li nara xi bżonnijiet li l-aktar jeħtieġu biex kemm jista` jkun ikollhom ħajja aktar trankwilla u bl-aħjar mod possibbli. L-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħi hija s-saħħa. Jiena ppruvajt dak kollu li hu possibbli biex nilħaq dan il-għan. Nibda billi ngħid li bħas-soltu erġajna għamilnieha possibbli li tingħata t-tilqima tal-influwenza mill-Kunsill Lokali stess. Barra minn hekk rajna li anke dawk l-anzjani li ma setgħux jiġu l-Kunsill morna aħna fid-djar tagħhom biex tingħata t-tilqima. Hawn ma nistax nieqaf nirringrazzja bil-qalb lil dawk l-infermiera kollha li offrew volontarjament, u mingħajr l-ebda ħlas, li jagħtu dan is-servizz lil dawk kollha li kellhom bżonnu. Meta kien possibbli mort żort lil dawk l-anzjani morda li forsi ma setgħux joħorġu mid-djar tagħhom biex nara fhiex nista` ngħin. Eżempju billi nagħmlilhom xi qadjiet li jkollhom bżonn, nipprovdulhom *wheelchair* biex jużawhom fid-dar, kif ukoll billi nagħmel ftit tal-ħin nitkellem magħhom, ħaġa li tassew kienu jappreżżaw. Ma stajtx ninsa żjarat li kont nagħmel fid-dar tal-anzjani li għandna f'Marsaskala stess, fejn fiha anke hemm persuna anzjana li tiġi minni stess. L-istess anke hawn il-Kunsill ra kif xi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu jiġu solvuti eżempji ta' parkeġġi riservati, rampi, *loading* u *unloading bays* u affarijiet oħra bħal dawn. Komplejna billi rajna li fejn ma kienx hemm bankini li kienu addattati għamilniehom aċċessibbli għall-persuni anzjani, kif ukoll għal dawk b'xi diżabilità. Qassamna madwar ir-raħal kollu anke *parking bases* riservati għal persuni b'diżabilita`.

Barra mis-saħħa tal-anzjani, ħaġa importanti għall-anzjani hija li jħossu li għad hemm post għalihom fil-komunità. Għalhekk rajt li kemm jista` jkun ninvolvihom anke soċjalment. Dan kien isir billi saru ħarġiet kemm edukattivi u anke soċjali. Ma ninsewx il-ħarġiet b'mod speċjali għal Għawdex li tant ikunu qed jistennew minn darba għall-oħra. Ġew anke organizzati ikliet b'xejn għalihom, kif ukoll serati u *parties* biex huma wkoll jifirħu fil-ġranet tal-Milied eċċ.. Matul is-sena baqgħu jiġu organizzati wkoll, u hawn irrid ngħid grazzi wkoll lil Caritas, taħdidiet għall-anzjani dwar suġġetti varji u interessanti li jolqtu partikolarment lilhom. Dawn tassew kienu jiġu apprezzati għax tassew kienu jkunu informattivi, u utli għalihom.

Kif qed naraw matul din is-sena sar ħafna xogħol biex l-anzjani jħossu li għad hemm posthom fis-soċjetà tagħna.

Ħaġa oħra li rrid ngħid xi ħaġa fuqha hija dak li sar f'dak li għandu x'jaqsam mal-annimali. Matul is-sena rajt li kull meta ħriġna l-fuljett tal-Kunsill, dejjem għamilt l-enfasi tiegħi kif għandna nkunu responsabbli tal-annimali li nkunu ddeċidejna li nżommu, kemm fid-djar tagħna u anke meta noħorġuhom għal xi passiġġata. Għalhekk ipprovdejna numru sabiħ ta' *doggie bins* biex aktar nagħmluha faċli biex jiġi mnaqqas l-inkonvenjent li kien idejjaq ħafna lin-nies tal-lokal. Il-Kunsill ġab veterinarji apposta biex dawk li riedu jagħmlu ċ-ċippa lill-klieb tagħhom setgħu jagħmluha b'xejn u kull ma ħallsu kienet l-ispejjeż taċ-ċippa. Bħala membru mal-Happy Paws, kien ukoll possibbli biex il-qtates jiġu msewwija u hawn nixtieq billi nħeġġeġ biex nagħmlu użu minn dan is-servizz anke billi ngħinu dan il-ħanut *Happy Paws* li għandna fil-lokal tagħna. Kienet ukoll okkażjoni sabiħa tara nies iġibu *pets* tagħhom sa anke żwiemel biex jiġu mberkin fl-okkażjonijiet bħal Jum Marsaskala. F'xi okkażjonijiet oħra organizzati mill-Kunsill anke ġibna mid-Dipartiment tal-Agrikoltura annimali bħal mogħoż, nagħaġ, ħmir, għoġġiela eċċ.. Dawn tassew ġew apprezzati b'mod speċjali mit-tfal li raw dawn l-annimali tassew mill-viċin u b'hekk isiru tassew aktar iħobbuhom.

Insomma kollox ma' kollox naħseb li b'dan ir-rendikont żgħir ta' xi attivitajiet li saru matul din is-sena, stajt kont ta' għajnuna għan-nies tal-lokal, kif ukoll ta' ġid biex il-lokal tagħna dejjem ikun aħjar u isbaħ biex jitgawda minn kulħadd.

Din id-darba ukoll jekk jien nikseb l-appoġġ tagħkom lest biex nagħmel kollox ħalli nerġa' naqdi d-doveri tiegħi għall-ġid tal-Iskalin kollha.

Bħas-soltu jiena dejjem lest li nisma` suġġerimenti għal titjib li jkun jista` jsir u nagħmel mill-aħjar biex isir kull ma jkun hemm bżonn. Saħħa.

## Responsabilità tal-Kunsilliera Carmen Fearne

Din is-sena bħas-snin ta' qabel kienet sena mimlija xogħol u attivitajiet. Għal din is-sena is-sottokumitati tal-familja u l-edukazzjoni ngħaqdu flimkien għax b'hekk ħsibna li nistgħu nkunu aktar effettivi fix-xogħol tagħna.

Aħna nemmnu li l-edukazzjoni trid tibqa' sejra tul ħajjitna kollha. Għal dan il-għan iż-żewġ sottokumitati attendejna seminars, laqgħat u taħdidiet informattivi. Żewġ gruppi attendew laqgħat waħda dwar il-volontarjat li saret ġewwa l-Ingilterra, u l-oħra dwar l-edukazzjoni li saret ġewwa l-Polonja.

Kellna programm intensiv fejn jidħlu t tfal. *Story telling*; Lezzjonijiet tal-kraft u l-arti; Lezzjonijiet tal-kompjuter, Attivitajiet fil-beraħ; Attivitajiet li saru flimkien mal-iskola kemm ġewwa l-iskola kif ukoll barra. Waħda mill-attivitajiet *Metaphora Word Game In Marsaskala* li għadha għaddejja s'issa, qegħda tinħadem ma' għaxar pajjiżi oħra mill-Ewropa.

Attendejna Jum il-Premjazzjoni f'diversi lokalitajiet ta' Malta, fejn jattendu tfal minn Marsaskala.

Ipparteċipajna *f'library day in Malta* billi ftaħna l-librerija f'dik il-ġurnata u stidinna lill-pubbliku li jattendi, waqt li kienu għaddejin numru ta' attivitajiet. Il-mistieden speċjali kien Trevor Żahra. Din is-sena wkoll xtrajna ħafna kotba ġodda kemm għaż-żgħar u anke għall-kbar.

Għall-kbar kellna lezzjonijiet tal-kompjuter u tal-kraft. Kellna *counselling* is-sena kollha u ngħataw lezzjonijiet fil-Matematika, mingħajr ħlas, lil tfal li kienu ser joqogħdu għall-eżami tal METSEC.

Komplejna noħorġu *leaflets* speċjali b'ħafna informazzjoni għal gruppi ta' Skalin li għandhom bżonn din l-informazzjoni.

Nixtieq nirringrazzja lis-sottokumitati, lil ħafna ħbieb tal-Kunsill li tawni l-appoġġ tagħhom matul l-aħħar snin, lis-Sindku u 'l-kollegi tiegħi, lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-ħaddiema kollha li jaħdmu fil-Kunsill għall-għajnuna li dejjem tawni.

## Responsabilità tal-Kunsillier Lawrence Ciantar:

Għeluq ta' sena oħra ta' ħidma fil-Kunsill bir-resposabilità tal-Ġonna Pubbliċi, *Playing Fields* u Ambjent.

Il-ħidma tiegħi bħala kunsillier fis-sena li għaddiet 2012. Jekk wieħed jara, u jħares lejn il-ġonna fil-lokal tagħna, u fejn dawn iżuruhom ħafna nies, jinduna li nżergħu fjuri tal-istaġun tul is-sena kollha. Il-vażi li hemm tul l-promenad fi Triq ix-Xatt inżergħu wkoll bil-fjuri. Fejn jidħlu r-*roundabouts* ta' Pjazza Dun Tarċis, wara li sar ix-xogħol ta' tisbiħ, inżergħu fjuri wkoll.

F'idejja wkoll għandi *Playing Fields* li minnhom fil-lokal għandna erba'. Dawn huma Pjazza Mifsud Bonnici, ieħor fi Triq iż-Żonqor, ieħor Ġnien David Vella San Tumas u Ġnien Antoine Randich.

Ta' kuljum dawn il-postijiet issirilhom superviżjoni, u min-naħa tiegħi nsegwi kull tip ta' ħsara u vandaliżmu li jista' jsir. It-tindif ta' dawn il-ġonna jsir kuljum, minn kuntrattur li għandu kuntratt mal-Kunsill. Ma' dan ix-xogħol matul ix-xhur tas-sajf il-ġonna u l-*playing fields* jiġu mbexxa biex dejjem jinżammu aktar nodfa.

Wara li s-sena l-oħra tkellimna dwar il-bidu tax-xogħol fuq il-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici, din il-*playing field* issa, kif konna wegħedna lin-nies ta' Marsaskala, hija lesta. Dawn il-bandli kienu ffinanzjati mill-flus tal-UIF.

Saret applikazzjoni wkoll biex ningħataw fondi mill-Gvern Ċentrali biex inbiddlu t-tagħmir tal-bandli ta' Żonqor imma s'issa għadna mingħajr risposta. Is-somma mitluba kienet ta' €60,000.

Matul is-sena l-Kunsill ġie mogħti 250 qasrija bi xtieli tal-fjuri mill-kuntrattur tal-Kunsill ELC, sabiex jitqassmu fid-djar. Wara tliet xhur reġa' tana 750 xitla tal-fjuri oħra biex jinbidlu. Sar ukoll xogħol ta' tisbiħ fis-*centre strip* li tagħti għal Triq il-Blajjiet bi pjanti li jsebbħu il-post madwar il-Kajjik Malti.

Fi Ġnien Antoine Randich sar xogħol biex innaqqsu l-perikli żgħar minn dan il-Ġnien. Dan ix-xogħol sar skont rapport li kien sar dan l-aħħar.

Nassigura li dan ix-xogħol ma kienx faċli biex wasalna fejn qegħdin illum.

Nispera li din l-informazzjoni sibtuha utli.

## Responsabilità tal-Kunsillier George Farrugia

*Bħas-soltu ż-żmien għaddej u ma jistenna 'l ħadd. Għaddejna sena impenjattiva ħafna.* Min-naħa tiegħi għamilt li stajt fil-Kunsill. Kien hemm impenji li jien stajt nattendi għalihom f'isem il-Kunsill, bħalma huma konferenzi, daqqa ta' ġurnata, u daqqa ta' jumejn. Kellna laqgħa wkoll mal-MEPA li flimkien ma' tlieta minn sħabi attendejt għaliha. Attendejt kull laqgħa tal-Kunsill li kellna matul is-*sena li għaddiet. Mort ukoll fuq Radju Hompesch flimkien mas-Sindku. Peress li ħadna xi fondi mill-*UIF ridna mmorru għand il-Prim Ministru biex nirċievu l-għotja. Jiena mort mas-Sindku nirrappreżenta lil Marsaskala. Fejn stajt kont preżenti għall-ftuħ tal-offerti. Meta ma mortx għax kelli impenji oħra.

Tul din is-sena ta' ħidma assistejt ukoll lil Viċi Sindku Charlot Mifsud meta morna Għawdex. Dakinhar għamilna programm naqra differenti fejn żorna l-Knisja tax-Xagħra, l-Għar ta' Kalipso, ir-Rabat u Xlendi għall-ikel. Wara żorna l-Azure Window. L-aħħar waqfa kienet f' ta' Pinu. Attendejt ukoll għall-funzjoni li kellna fil-Knisja.

F'Diċembru kont parti minn grupp edukattiv li morna l-Polonja fejn qsamna l-ideat tagħna fl-edukazzjoni ma' tagħhom. Kellna ħafna mill-istess ħsibijiet fit-tmexxija.

Spiċċajna s-sena b'wiċċ il-ġid u b'ħidma kbira tal-Kunsill. Bdejna s-sena bit-tajjeb , kellna l-ikla tal-*anzjani li fiha morna tajjeb ħafna. Kollox kien organizzat sew. Issa qegħdin nippreparaw għall-*elezzjoni li ġejja tal-Kunsill fid-9 ta' Marzu. Jien ħassejt li fejn kien possibbli għent lil min kellu bżonni, u ppruvajt nagħmel mill-aħjar li nista' fix-xogħol tal-Kunsill. Għalhekk iddeċidejt li nerġa' nikkontesta l-elezzjoni lokali li ġejja, u nkompli bil-ħidma tiegħi. Nixtieq nirringrazzja lis-Sindku, u lil sħabi kollha *tal-Kunsill tal-għajnuna u l- kooperazzjoni li tawni meta kelli bżonn.*

## ***Responsabilità tal-Kunsillier Daniel Spiteri***

Dawn huma punti dwar ix-xogħol li wettaqt matul il-perjodu bejn Jannar 2012 sa Diċembru 2012 bħala kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ u sport.

- Tkomplew lezzjonijiet tal-Ġudo li baqgħu għaddejjin sa Mejju 2012. Din is-sena bdew isiru n-naħa tal-Bellavista.
- Wara waqfa fis-Sajf, dawn il-lezzjonijiet reġgħu bdew isiru f'Settembru. It-tfal li pparteċipaw ħadu sehem fil-ftuħ f'attività mtella' mill-Kunsill b'risq l-Istrina.
- Kompla jikber il-klabb tat-*Tae Kwon Do* fir-Razzett tal-Ħbiberija bl-għajnuna tal-Kunsill. Dan il-klabb huwa affiljat mal-Kumitat Olimpiku, kif ukoll mal-Federazzjoni tat- *Tae Kwon Do* Maltija.
- Saru żewġ korsijiet tal-Ewwel Għajnuna (First Aid), wieħed fis-sala Sant' Anna u tal-aħħar taħt it-tinda ta' Grabiel
- Saru Lezzjonijiet taz-Zumba bejn Jannar u Mejju. Dawn ukoll saru taħt it-tinda ta' Grabiel, li għal darb'oħra reġa' offra l-użu tat-tinda tiegħu b'xejn.
- Sar xi xogħol ta' tiswija fil-grawnd tal-iskola, fejn wara maltempata kbira, il-kunsill kien ta għajnuna kbira biex il-klabb tal-futbol, Marsaskala F C seta' jkompli x-xogħol li kien jonqsu jsir b'kollaborazzjoni mal-iskola primarja.
- Il-Kunsill, b'sens ta' kollaborazzjoni kbira offra ħafna għajnuna lil Marsaskala FC sabiex tkun tista' tinfetaħ skola tal-futbol matul Lulju u Awwissu, u biex tkompli tikber in-*nursery* tal-futbol.
- It-tfal tan-*nursery* u tal-Girl Guides ġew mistiedna jipparteċipaw fil-ftuħ tal-*playing field* il-ġdida biex sebbħu din l-attività bil-kuluri tal-gerijiet u l-uniformijiet tagħhom.
- Il-Kunsill ikkollabora mal-Health Promotion Unit biex saret walking bus li kienet titlaq min-naħa tal-Eks Jerma u tasal sal-iskola u lura.
- Il-Kunsill għen ħafna fi proġett imtella' mit-tfal tal-ħames sena tal-primarja dwar il-Magħluq tal-Baħar, fejn anke ġew mistiedna jattendu laqgħat mal-awtoritajiet ikkonċernati, u ma' ġurnalisti biex ikunu jistgħu isegwu l-progress illi qed isir f'dar-rigward.
- Il-lokalità tagħna kienet waħda mill-ftit *illi* pparteċipat fl-inizjattiva Ġurnata għall-Isport, fejn bil-koordinazzjoni tal-Kunsill, il-klabb tal-Ġudo għamlu attivitajiet biex inġabret somma ta' flus sostanzjali b'risq il-Community Chest Fund.
- Tkomplew laqgħat mas-Segretarju Parlamentari Onor. Clyde Puli sabiex
    - tingħata art biex il-lokalità tagħna jkollha ċentru sportiv li jikkumplimenta l-eks Pixxina Nazzjonali u l-Kumpless Sportiv tal-Kottonera li jkun adattat għal kwalunkwe *field sports* li jkun jista' jaqdi l-bżonnijiet tal-lokalità tagħna u tal-madwar
    - issir *jogging track* tal-lastiku fuq il-bankina mill-eks Jerma Palace Hotel sa Pjazza Dun Tarċis Agius sabiex id-dilettanti tal-mixi u *jogging* ma jbatux waqt li jipprattikaw dan l-isport tagħhom.

Kif wieħed jista' jara sar ħafna xogħol b'risq l-isport fil-lokalità tagħna. Dan ix-xogħol kollu ma setax isir mingħajr il-kollaborazzjoni tas-Sindku, sħabi l-kunsilliera u speċjalment tal-impjegati kollha tal-Kunsill. Minn qalbi nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lejn dawn in-nies kollha.

## ***Responsabilità tal-Kunsillier John B. Camilleri***

**Dawl u Enerġija:**

Bħas-snin preċedenti saru ħafna talbiet għal dawl ġdid fejn hemm toroq ġodda jew f'toroq li ma kienx hemm dawl biżżejjed, fosthom f'dawn it toroq : Triq il-Gandoffli, Triq il-Gross, Triq San Ġwakkin, Triq il-Bajja, Triq iż-Żafran, Triq Apap Bologna, Triq il-Bidni, Triq il-Bajja San Tumas, u Triq il-Qaliet. Dawn ġew approvati mil-Enemalta u waħħalna numru ġmielu ta' lampi ġodda f'dawn it-toroq imsemmija. Żidna wkoll dawl ġdid fil-grawnd tal-iskola, fejn dan qiegħed jintuża minn ħafna żgħażagħ u tfal Skalin.

Installajna sistema ta dawl ġdida u effiċjenti fil-Bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici, kif ukoll saħħaħna s-sistema tal-WIFI għal dan il-ġnien. Installajna wkoll sistema ta' Dawl ġdida fi Triq il-Qaliet in-naħa ta' San Tumas. Naturalment kellna nċaqalqu d-dawl ta' Triq il-Qaliet propju fejn sar dan ix-xogħol.

Il-manutenzjoni baqgħet għaddejja s-sena kollha, fejn ta' kuljum jiġu rapurtati bosta lampi maħruqin. Din is-sena kienet waħda ta' ħafna maltempati fosthom riħ qawwi li ħakimna fir-Rebbiegħa li għaddiet fejn soffrejna ammont kbir ta' ħsarat kemm fuq dawl tat-toroq u xejn inqas minn dawl domestiku. Matul din is-sena ħadna ħsieb li jiġu stallati tliet settijiet ta' *belisha crossing lights* fi Triq il-Qaliet, Triq il-Marina, u oħra fi Pjazza Dun Tarċis Agius.

Wara li ngħatajna fondi speċjali għat-twaħħil ta' pannelli fotovoltajċi ħriġna sejħa għal offerti, u stallajna sistema fuq il-bejt tal-latrina taż-Żonqor. Bis-saħħa ta' din is-sistema d-dawl qiegħed jiġina kollu kemm hu b'xejn. Nieħu l-okkażjoni biex inħeġġu lil min għandu fejn jinstallahom jikkonsidra sew għax jeżistu skemi vantaġġjużi ħafna għal dawn il-pannelli.

F'nofs is-sena li għaddiet inħarġet sejħa min-naħa tal-Gvern Ċentrali biex dawk il-lokalitajiet li jixtiequ jintroduċu postijiet fejn wieħed ikun jista` jiċċarġja karrozzi li jaħdmu bil-batterija. Aħna ma qgħadniex lura u għażilna tliet siti sabiex jiġu kkonsidrati bħala postijiet fejn jista' jiġi stallat dan it-tagħmir mill-Awtorità tar-Riżorsi.

Ipparteċipajna wkoll fi skema tal-patt tas-Sindki u waqt *Workshop* li sar ġewwa l-bini tal-Parlament Ewropew fil-Belġju. Flimkien ma' aġenzija MIEMA ippreżentajna dak li irnexxielna nagħmlu fil-lokalità tagħna. Bħalissa qiegħed isir l-awditjar meħtieġ u fil-futur qarib huwa mistenni li nkunu ppremjati għall-inizjattivi li l-Kunsill impenja ruħu fuqhom, u għal dak li għamilna s' issa.

**<u>Wirt Storiku :</u>**

Wara li x-xogħol ta' restawr fuq in-Niċċa ta' San Spiridjun tlesta nħarġet sejħa għal offerti għal żewġ niċeċ oħra, ta' Sant Anna, u ta' San Tumas. Dan ir-restawr issa huwa lest u kulħadd jista` jara d-differenza ta' kif ġew dawn in-niċeċ. Dan l-aħħar għamilna talba għal fondi speċjali sabiex isir ir-restawr tant meħtieġ fuq it-tlitt islaleb ġewwa l-Bidni. Huwa mistenni li dawn jiġu restawrati fis-sena li ġejja.

Ġiet ippreparata u stampata mappa ta' Marsaskala fejn tinkludi ħafna tagħrif storiku għat-turisti kif ukoll ġie ppublikat ktejjeb li jinkludi fih tagħrif dwar l-istorja ta' Marsaskala għat-tfal tal-iskola primarja.

Komplejna bil-proċess tad-devoluzzjoni tar-Ridott li jinstab ġewwa l-Munxar flimkien mal-Għaqda Bajja San Tumas.

**<u>Latrini Pubblici :</u>**

Din is-sena sar xogħol ta' żebgħa kemm minn barra kif ukoll min ġewwa f'dawk taż-Żonqor u ta' Triq is-Salini. Din is-sena ġie fi tmiemu kuntratt ta' u manutenzjoni li kellna mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika. Ħriġna sejħa għal offerti u ġie magħżul il-kuntrattur. Dan il-kuntratt ġie ffirmat għal tliet snin u ġie fis-seħħ fil-bidu ta' din is-sena.

**<u>Konklużjoni :</u>**

Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kull Kunsillier u lis-Segretarju Eżekuttiv, lis-Sindku u l-istaff li dejjem insibhom f'dak kollu li jkun hemm bżonn.

Din kienet il-ħames leġislatura tiegħi fil-Kunsill u nħoss li kienet waħda mill-isbaħ u produttiva. Nawgura li Kunsill ġdid jiżboq lil dan il-Kunsill u jkompli fejn iħalli dan il-Kunsill li se jiġi fi tmiemu ftit tal-ġimgħat oħra.

## Responsabilità tal-Kunsillier Sandro Gatt

Kelmtejn żgħar sabiex nisħaq kemm meta jkollok skwadra tajba ta' nies li għandhom għal qalbhom il-Kunsill, ir-riżultat jasal, u jasal fil-pożittiv.

Għaddiet leġiżlatura oħra, u mingħajr ebda mistħija lejn lilkom preżenti nista' nisqarr li dan il-Kunsill li wasal fi tmiemu ħalla ħafna xogħol pożittiv warajh. Fosthom ix-xogħol ta' infrastruttura, sports, attivitajiet, ġemellaġġi, u attenzjoni fuq kull qasam li kellna quddiemna għal deċiżjoni jew suġġeriment f'isimkom ir-residenti.

Din l-iskwadra ta' Kunsilliera ma kinetx tkun ta' suċċess mingħajr is-Segretarju Eżekuttiv , il-ħaddiema klerikali tagħna, l-ħaddiema tal-IPSL tagħna, u l-volontarji kollha li dejjem sibniehom f'kull qasam.

Tul dawn l-erba' snin, il-Kunsill kompla saħħaħ ir-relazzjoni ma' barra minn Malta permezz tal-ġemellaġġ tagħna fid-Douzelage. Żgħażagħ, Anzjani u adoloxxenti tajniehom l-opportunità li jżuru kulturi Ewropej, esperjenzi ta' edukazzjoni u attendejna attivitajiet organizzati mid- Douzelage.

Attendejna għal-laqgħat ġenerali annwali li saru fi Susisce, Granville u Sloven u ppreżentajna l-ħidmiet tagħna b'wiċċna minn quddiem. Ta' min isemmi li aħna, Marsaskala, għandha relazzjoni tajba ħafna mal-pajjiżi membri fid-Douzelage u dejjem żammejna isem Marsaskala fuq quddiem nett.

Is-Sindku kien strumentali ħafna fejn assuma r-responsabiltajiet fi ħdan id-Douzelage bil-viċi presidenza għal dawn l-aħħar tliet snin. Ta' min issemmi li fi żmien erba' xhur oħra, il-laqgħa ġenerali annwali li jmiss ser issir ġewwa l-Italja f' Bellaggio.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex għal darb' oħra nirringrazzja lil kull min ta sehmu, nirringrazzja lilkom ir-residenti tal-attendenza tagħkom illejla, u nawgura l-Kunsill il-ġdid suċċessi ikbar għal lokalità tagħna, Marsaskala.

## Responsabilità tal-Kunsillier Jesmond Mugliett

Bħala Kunsill nistgħu ngħidu li bħal kull Sajf ieħor kien wieħed impenjattiv ħafna f'dak li hija ndafa pubblika. Dan għaliex kif nafu fix-xhur tas-Sajf ix-xogħol jiżdied b'mod sostanzjali minħabba l-influss qawwi ta' nies li jżuru l-lokalità tagħna f'dawn ix-xhur, min għax jiġi villeġġjatura u min għax il-ħarġa tiegħu ta' kull filgħaxija jew fi tmien il-ġimgħa tkun waħda fil-lokalità tagħna.

Kif għedt ix-xogħol f'dan is-settur huwa kbir matul is-sena kollha iżda fis-Sajf huwa wieħed ħafna, u ħafna ikbar, tant li nistgħu ngħidu li faċilment wieħed jista' jgħid li kieku l-ideai ikun li wieħed ikun *full-time* fuq dan ix-xogħol biss, biex isegwi u jissorvelja mill-viċin u ta' kuljum, u tul il-ġurnata kollha dak li jkun qed jitwettaq u li jkun hemm bżonn. Hawnhekk nirringrazzja lill-istaff tal-Kunsill tal-għajnuna u kooperazzjoni li nsib min-naħa tagħhom.

F'dan is-Sajf ħdimna qatigħ biex jitnaddfu ċerti siti li sfortunatament kienu l-mira ta' ħafna nies irresponsabbli li għoġobom jużaw dawn is-siti bħala *dumping sites* u fihom intrema' kull tip ta' materjal. Kultant wieħed anqas jemmen in-numru ta' siti li kellna nnaddfu tul dan is-Sajf u l-ammont u t-tip ta' materjal li sibna ma' wiċċna. Dan ġab miegħu ħafna xogħol u anki spejjeż finanzjarji għall-Kunsill. Hija ħasra li ċertu nies l-għan tagħhom ikun biss li jeħilsu minn dan l-iskart u ma jagħtux kas li jħammġu postijiet u siti pubbliċi. Hawnhekk l-appell għandu jkun għal aktar edukazzjoni, u biex min jara lil xi ħadd iħammeġ l-ambjent ma jiddejjaqx jirraporta.

Tul dawn ix-xhur rajna użu tajjeb ħafna tal-*Bring-In-Sites*, kemm mir-residenti u kemm mill-ħwienet, xi ħaġa li issa daħlet sew fil-kultura tagħna, u tieħu pjaċir tara nies ta' kull età b'mod regolari jieqfu fejn dawn is-siti u jiddisponu minn skart riċiklabbli f'kontentituri apposta. F'dawn ix-xhur dawn is-siti inħasslu b'mod regolari u sar tindif magħhom regolari permezz tal-kumpanija Green MT. Is-servizz ta' ġbir ta' skart fil-Ħdud u festi pubbliċi wkoll għen ħafna biex il-lokalità tagħna tinżamm kemm jista' jkun fi stat nadif f' dawn ix-xhur hekk impenjattivi. Dan minkejja li baqa' ħafna u ħafna xi jsir u tagħmel kemm tagħmel fl-indafa qatt mhu biżżejjed.

F'Lulju ġiet ukoll organizzata *Clean Up* fil-Bajja ta' San Tumas, fejn hawnhekk nirringrazzja lid-DiveMed Diving Center li pprovdewlna l-għaddasa biex isir it-tindif meħtieġ, kif ukoll bla dubju ta' xejn *lill- Għaqda Bajja San Tumas u l-kumitat ħabrieki tagħha tax-xogħol siewi ferm li qed jagħmlu* f'din il-Bajja. Ringrazzjament ieħor lill-Green MT li pprovdewlna boroż u ingwanti għal din l-attività.

Nifraħ ukoll lill-Kunsill Lokali kollu, lis-Sindku, u 'l-kunsilliera, ħaddiema u staff, tax-xogħol tagħhom li permezz tal-għajnuna u l-ħidma ta' kulħadd wassal biex f' dan is-Sajf u fl-aħħar xhur rajna ħidma fuq diversi proġetti, liema proġetti qed iwasslu biex isebbħu aktar il-lokalità tagħna.

Fuq nota qasira, hekk kif qegħdin fuq l-għatba ta' staġun ieħor ta' Futbol, nawgura staġun mill-isbaħ lit-tim tal-futbol ta' Marsaskala F.C. u nappella lir-residenti kollha Skalin biex jiġu bi ħġarhom isewgu lit-tim tagħhom tul dan l-istaġun.

# *Konklużjoni*

## ***Viċin il-Poplu***

B'wiċċi minn quddiem jiena u sħabi ser nerġgħu għal darb'oħra niġi għandkom biex tagħtuna l-fiduċja tagħkom. Nassigurakom li dak li għamilna, għamilnieh bl-aktar mod trasparenti u minn qalbna. Kien hemm mumenti fejn kellna mewġ kontra tagħna, u ħafna drabi kellna nieħdu deċiżjonijiet li stajna weġġajna lil xi wħud iżda min-naħa l-oħra jkunu deċiżjonijiet favur il-maġġoronza tal-poplu.

Flimkien naslu u nixtieq li t-tim li ser ikun hemm fil-leġiżlatura li jmiss ikun jew bħal dan li ser jispiċċa jew aħjar. L-imħuħ li jmexxu żgur li ma jridx ikollhom differenzi. Min hu kapaċi, u għandu kwalitajiet x'joffri inħalluh jaħdem. Jiena hekk mexxejt il-Kunsill li ser jispiċċa dalwaqt. Kulħadd għamel ħiltu, u għamel minn kollox biex wettaq xogħol fir-responsabiltajiet tiegħu.

Ma nistax u dan biex nagħlaq ma nirringrazzjax minn qalbi lil dawk il-voluntiera kollha speċjalment is-sottokumitat tal-kultura li ta' kull sena jfassililna programm b'attivitajiet liema bħalhom. Personalment inħossni fid-dover li għandi nirringrazzja personali lis-Sur Alfred Debono li ħadem qatigħ biex mexxa dan is-sottokumitat.

## ***Ġejjieni 2012/2013***

Bla dubju tagħmel kemm tagħmel xogħol żgur li qatt mhu biżżejjed. Kif jiena spjegajt diġà iżjed 'il fuq sar ħafna xogħol iżda fil-leġiżlatura li ġejja, Kunsill ġdid għandu xewqa kbira li jara l-ħolma tiegħu ssir realtà. *Din hija l-bini tal-uffiċċini amministrattivi kif ukoll it-tisbiħ ta` Ġnien Sant Anna.* Fondi għal dan il-proġett huma mfaddla minn tliett leġiżlaturi ilu. Biex wieħed isebbaħ il-madwar wieħed jista` japplika għall-fondi mill-UIF. Xi ħaġ' oħra li qed naħdmu fuqha hija l-park tal-familja quddiem il-Vilel fi Triq il-Qaliet. Dawn huma żewġ proġetti kbar u sostenibbli, u jekk ikunu lesti fil-leġiżlatura li jmiss żgur li jkun sar suċċess. Min-naħa l-oħra wieħed imbagħad jagħmel xogħol ieħor li jinqala' ta` kuljum. Manutenzjoni ta' bankini u *patching* speċjalment fejn ikun periklu għan-nies jew għall-persuni d`diżabilità.

Kif ħdimna flimkien fl-aħħar erba' snin hekk ser naħdmu fl-erba' snin li ġejjin. Għan wieħed huwa dak tal-ġid komuni.